MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-3 ta' April, 2007

Talba Numru. 1423/2005

**Talba Nru: 1423/05PBC**

**Garden of Eden Limited (C 17525)**

**Vs**

**Euro Freight Services Limited (C 25544)**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li bih is-socjeta' attrici talbet li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' elf mitejn u sitta u ghoxrin lira Maltin u sitta u tletin centezmu (Lm1,226.36c) u dan rapprezentanti danni sofferti mis-socjeta' attrici minhabba nuqqas fil-konsenja ta' *spare parts* minnha akkwistati u debitament imhallsa minghand is-*supplier* taghha gewwa l-Ingilterra, ghal liema

danni hija unikament responsabbli s-socjeta' konvenuta stante li l-istess socjeta' konvenuta kienet responsabbli fil-konfront tas-socjeta' attrici ghall-konsenja lilha ta' tali *spare parts*.
Ra r-Risposta tas-socjeta' konvenuta li biha wiegbet preliminarjament li s-socjeta' konvenuta m'hijiex il-legittima kontradittur f'din il-kawza billi r-responsabbilta' eventwali ghad-danni reklamati mis-socjeta' attrici hija ta' terzi kumpaniji u mhux tal-konvenuta, u jinhtieg ukoll li s-socjeta' Andy Powell Commercials, entita' rregistrata fir-Renju Unit, tigi kjamata fil-kawza. Illi preliminarjament ukoll u bla pregudizzju ghas-suespost, u fi kwalunkwe kaz, is-socjeta' konvenuta kellha tharrek bhala agent tas-socjeta' estera Maru International Limited u mhux f'isimha proprju.

Illi t-talba attrici in kwantu diretta lejn l-eccipjenti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt. Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konvenuta kkonsenjat dak li wasal ghandha minghand il-fornitur originali Andy Powell Commercials u m'ghandhiex tinzamm responsabbli f'kaz illi l-fornitur ma kkonsenjax dak kollu li kienet xtrat minghand l-attrici.

Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konvenuta kkonsenjat lill-attrici l-merce fil-kwantita' u l-entita' kif giet ikkonsenjata lilha minn Maru International Limited u m'ghandhiex tirrispondi ghad-danni kkawzati minn din il-kumpanija, jekk hemm. Illi fi kwalunkwe kaz, is-socjeta' attrici trid iggib prova tad-danni allegati minnha.

Sema' x-xhieda ta' Maria Grazia Vella u ta' Karen Calleja.

Ra d-dokumenti kollha esebiti.

Ra n-Nota ta' Sottomissjonijiet ipprezentata mis-socjeta' attrici fil-5 ta' Jannar, 2007 u dik responsiva tas-socjeta' konvenuta pprezentata fis-27 ta' Marzu, 2007.

Sema' t-trattazzjoni ulterjuri ta' Dr Gabriella Vella ghas-socjeta' attrici u ta' Dr Antonio Tufigno ghas-socjeta' konvenuta.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi s-socjeta’ attrici xtrat minghand is-socjeta’ Ingliza Andy Powell Commercials Limited kwantita’ ta’ *spare parts* konsistenti f’*piston ring set*, *alternator*, *ball joints*, *break drums* u oggetti simili versu l-prezz komplessiv ta’ tlett elef u sebgha u tmenin Lira Sterlina u erbatax-il pence (£3,087.14) (vide Dok. EFS009 a fol 78 u 79 tal-process).

Illi ghat-trasport kellha tiehu hsieb is-socjeta’ attrici u ghal dan il-fini hija talbet kwotazzjoni minghand is-socjeta’ konvenuta ta’ kemm se tiswila biex iggib din il-konsenja li fil-mument tal-kwotazzjoni giet deskritta ta’ piz totali ta’ mija u hamsin kilo (150kg) u ta’ *box dimensions* 70cm x 120cm x 65cms. Hija nghatat kwotazzjoni ta’ mija u ghoxrin Lira Ingliza (£120) *freight*, *locals* tmien Liri Sterlini u hamsin pence (£8.50), *delivery order* zewg Liri Sterlini (£2), *custom clearance* hdax-il Lira Sterlina (£11), *delivery* ghaxar Liri Sterlini (£10) u *fork lifter* Lira Sterlina u tletin pence (£1.30). Din il-kwotazzjoni giet accetata u ghalhekk is-socjeta’ attrici talbet lis-socjeta’ konvenuta sabiex tiehu hsieb it-trasport ta’ l-oggetti minghand Andy Powell ta’ l-Ingilterra ghal Malta (vide a fol 25 u 26 tal-process).

Illi l-parts gew ikkonsenjati lis-socjeta’ attrici fis-7 ta’ Settembru, 2004 u dakinhar is-socjeta’ attrici qeghda tirritjeni li rceviet merkanzija nieqsa u dan ta lok ghall-azzjoni odjerna.

L-akkwist u hlas tal-merkanzija da parti tas-socjeta’ attrici sar qabel ma sar it-trasport u dan jirrizulta permezz ta’ *Telex transfer documents* esebiti a fol 27 u 28 tal-process li minnhom jirrizulta li huma hallsu l-ammont komplessiv ta’ elf disa’ mija u tlieta u tmenin lira Maltin u disghin centezmu (Lm1,983.90c).

Il-veru kwistjoni f’din il-kawza hija jekk il-merkanzija gietx attwalment konsenjata minn Andy Powell Commercials lit-trasportaturi jew le. Hawnhekk qam disgwit u tahwid kbir bejn il-partijiet.

It-trasport gie effettwat b'dan il-mod. Is-socjeta' attrici kienet qeghda tigi rapprezentata l-Ingilterra mill-kumpanija Maru International Limited kif jidher mid-dokument a fol 46 tal-process u din kellha tiehu hsieb biex tigbor l-affarijiet minghand Andy Powell u tibghathom bil-vapur ghal Malta. Effettivament il-Maru International Limited inkarigat lil Jonen Alpha li hija *in-house transporter* li da parti taghha kienet hi li hadet hsieb il-gbir tal-merkanzija minghand Andy Powell u, wara li tehodhom fis-*supply depot* (jigifieri ta' Jonen Alpha) eventwalment twassal il-merkanzija ghand Maru International biex imbaghad l-oggetti jigu mibghuta Malta bil-bahar.

Jirrizulta illi meta d-driver ta' Jonen Alpha mar fl-istabbiliment ta' Andy Powell Commercials, ix-xoghol ma kienx ghadu lest u kien se jitlaq izda dan gie perswaz biex joqghod jistenna sakemm ikun lest u attwalment il-merkanzija giet stivata gewwa l-vettura tat-trasport ta' Jonen Alpha. F'dan il-mument sar id-dokument MGV5 a fol 29 tal-process li minnu jirrizulta illi gew ikkonsenjati 2 pieces volume 0.5 ta' piz ta' 150 kilogrammi fid-19 t'Awissu, 2004. Meta l-affarijiet gew ikkonsenjati minn Jonen Alfa lil Maru International Limited sar dokument iehor cjoe' l-*goods inwards receipt note* li jinsab a fol 71 tal-process u dan id-dokument li kien *preprepared*, kien jindika li kien hemm zewg *palettes* tas-segwenti dimensions:

1 – 105 x 46 x 63 cms
1 – 89 x 33 x 71 cms

Li t-tnejn flimkien kellhom *gross weight* ta' 150 kilogrammi u cubic area ta' 0.513. Jidher ukoll illi bl-inka xi hadd biddel id-dokument li kien pre-preparat u hassar in-numru (2) magenb il-kelma *palettes* u ghamel in-numru wiehed (1) u fil-parti ta' isfel tad-dokument fejn hemm in-numru ta' *packages* minn 2 gew imhassrin bl-inka u nkitbu l-kliem "one palette". Dan id-dokument gie ffirmat fl-20 t'Awissu, 2004.

Imbaghad saru d-dokumenti biex il-merkanzija tintbaghat Malta u a fol 72 hemm dokument li jgib id-data tas-27 t'Awissu, 2004 li fuqu hemm miktub li ser jigi trasportat *one palette* ta' piz ta' 150 kilo u ta' volum ta' 0.513. Fir-rigward tal-konsenja ta' Andy Powell Commercials m'hemmx id-dimensions tal-kaxxi jew *palettes* kif hemm per ezempju fil-kaz ta' trasportatur iehor Michael Brandon Limited.

Meta l-konsenja waslet Malta Maria Grazia Vella tghid hekk:

"Fis-7 ta' Settembru, 2004 ircevejt telefonata mill-boss tieghi li kien qieghed il-garaxx Hal Ghaxaq u nfurmani li l-parts kienu waslu u jien fi ftit minuti wasalt fuq il-post. Meta wasalt jiena sibt li kienu hallew kaxxa, palette, <u>kaxxa ta' wahda</u>[1] u min kien wassal ix-xoghol kien lahaq telaq. Jien u l-boss tieghi Joseph Spiteri ftahna <u>dina l-kaxxa</u>[2] u bdejt inqabbel il-kontenut tal-kaxxa ma' l-invoice. Indunajt li l-maggorparti tal-parts kienu neqsin."

L-ewwel kwistjoni li ghandha tigi determinata f'din il-kawza hija jekk jirrizultax sodisfacentement ippruvat illi l-merkanzija ordnata mis-socjeta' attrici minghand Andy Powell gietx attwalment konsenjata lil sub-appaltatur tas-socjeta' konvenuta jigifieri lid-driver ta' Jonen Alpha.

F'dan ir-rigward it-Tribunal ha konjizzjoni ta' l-emails u korrispondenza skambjata li giet esebita fl-atti u minnha jirrizulta li Andy Powell Commercials qeghda ssotni illi l-konsenja saret billi l-merkanzija kienet giet imqeghda f'zewg kaxxi, wahda kbira ta' certu toqol u wahda zghira. L-ewwel ghabbew il-kaxxa l-kbira u sabiex isir hekk kellhom jerfghuha numru ta' rgiel (3 jew 4) u din tqeghdet fil-parti ta' quddiem tat-trakk u mbaghad l-istess rapprezentant ta' Andy Powell Commercials u cjoe' Jonathan Powell, qabad il-kaxxa z-zghira u poggiha hdejn il-kaxxa l-kbira gewwa t-trakk.

---

[1] Sottolinear ta` dan it-Tribunal
[2] Sottolinear ta` dan it-Tribunal

Fil-mument li gew stivati fuq it-trakk ma kienx hemm palettes izda kien hemm zewg kaxxi, wahda kbira u wahda zghira u f'dan ir-rigward din id-deskrizzjoni ta' l-operat taqbel ukoll mad-*delivery note* a fol 29 tal-process tad-19 t'Awissu, 2004 fuq imsemmija w anki mal-g*oods inwards receipt note* maghmula minn Maru International Limited a fol 71 tal-process fejn hemm deskrizzjoni ta' zewg kaxxi li mbaghad f'dak il-mument gew imqeghda fuq palette wahda.

Meta l-affarijiet waslu Malta jirrizulta illi effettivament is-socjeta' attrici rceviet kaxxa wahda biss u minn paragun ma' lista ta' affarijiet li ma gewx konsenjati jidher illi effettivament il-kaxxa li ma gietx ikkonsenjata hija proprju l-kaxxa l-kbira. Jigifieri jekk wiehed jara d-*dimensions* fuq id-dokument a fol 71 tal-process hija l-kaxxa bid-*dimensions* 105 x 46 x 63 li jgib cubic volume ta' 0.304. Incidentalment fuq dan id-dokument il-kaxxa l-ohra ghandha *dimensions* ta' 89 x 33 x 71 li jgib cubic volume ta' 0.208 cubic metres.

It-Tribunal huwa sodisfatt illi hija proprju din il-kaxxa z-zghira ta' 0.208 cubic metres li attwalment giet ikkonsenjata u li ma gietx ikkonsenjata l-kaxxa l-ohra ta' 0.30 cubic metres. F'dan ir-rigward issir referenza ghall-ittra miktuba minn Karen Calleja li tinsab a fol 73 u 74 tal-process fejn tghid:

"Our bond operator in Malta received the cargo intact, according to what Maru stated on the manifest. Which was one shrink wrapped palette consisting of two boxes dimensions being 34 x 68 x 90; 0.21 cbm."

Fil-fatt jekk wiehed jiehu l-cubic volume tad-dimensions fuq imsemmija dan igib cubic volume ta' 0.21 u dan huwa l-cubic volume ta' kaxxa wahda u mhux ta' zewg kaxxi.

Minn dawn il-kostatazzjonijiet u minn ezami akkurat ta' l-atti tal-kawza, t-Tribunal huwa sodisfatt illi attwalment Andy Powell Commercials ikkonsenjat lid-driver ta' Jonen Alpha zewg kaxxi, wahda ta' kejl ta' cirka 0.30 cubic

metres u l-ohra ta’ cirka 0.21 cubic metres. F’dak il-mument il-merkanzija ma kienetx *palletised*.

It-Tribunal huwa wkoll sodisfatt illi lil Maru International Limited giet konsenjata one palette u mid-dokument minnhom stess preparat jemergi illi dan kien jikkontjeni zewg kaxxi tad-dimensjoni kubici fuq imsemmija. Illi effettivament hawn Malta waslet kaxxa wahda biss u ghalhekk jidher evidenti illi x’imkien waqt it-trasport intilfet il-kaxxa l-kbira.

Jista’ jkun li l-kaxxa l-kbira ntilfet fis-*supply depot* ta’ Jonen Alpha jew baqghet fil-*warehouses* ta’ Maru International Limited, jew giet konsenjata lill xi haddiehor u jista’ jkun ukoll illi din intilfet waqt it-tragitt jew anki fil-*groupage depot* hawn Malta. Dawn huma kollha ppotesijiet u, taqra kemm taqra l-process, huwa difficli biex wiehed jistabbilixxi b’mod car u konkret ezattament fejn setghet intilfet din il-kaxxa l-kbira izda l-probabbilita’ hija illi din intilfet wara li Jonen Alpha kkonsenja l-affarijiet lil Maru International Limited.

Hawn issir referenza ghas-sentenza **“Benjamin Bonnici noe Vs Francis Vella et noe”** (Citazz Numru 1083/92JF - 30 t’Ottubru, 2000):
“Illi mill-provi jirrizulta kjarament li r-rabta kuntrattwali kienet bejn is-socjeta’ attrici u s-socjeta’ konvenuta. Kull sub-appalt iehor raggunt bejn il-konvenuti nomine u t-terz - minghajr ebda participazzjoni jew intromissjoni da parte tas-socjeta’ attrici - m’ghandux ikun ta’ impediment ghat-talbiet attrici fil-konfront tas-socjeta’ konvenuta naxxenti mill-ftehim tal-garr milhuq bejniethom. Is-socjeta’ attrici ma kellha qatt xi rapport guridiku mat-terz.”

F’dan ir-rigward, fis-sentenza **“Middlesea Insurance plc Vs Advance Shipping Limited noe** (Citazz Numru 679/00RCP tat-30 ta’ Mejju, 2002) intqal hekk:

“Dawn il-principji kollha gew ikkonfermati u din il-Qorti thoss li japplikaw ghall-kaz in kwistjoni stante li l-unika relazzjoni li tezisti dwar dan il-kuntratt ta’ garr ta’ merkanzija mill-Italja ghal Malta kienet proprju dak bejn l-

assigurat ta’ l-attur u s-socjeta’ konvenuta Advance Shipping Limited, u kull relazzjoni li setghet inholqot bejn is-socjeta’ konvenuta u s-socjeta’ estera indikata fl-affidavit tas-socjeta’ konvenuta fuq citata, u cjoe’ d-ditta Shipping Services Italia srl. hija estranea ghall-pozizzjoni ta’ l-assigurat ta’ l-attur f’din il-kawza.”

Illi r-relazzjoni guridika bejn is-socjeta’ attrici u tas-socjeta’ konvenuta hija wahda naxxenti minn kuntratt ta’ trasport fis-sens illi s-socjeta’ attrici nkarigat lis-socjeta’ konvenuta sabiex tiehu hsieb it-trasport kollu mill-Ingilterra ghal Malta. Is-socjeta’ attrici ma kellhiex kuntatt dirett man-nies appaltati mis-socjeta’ konvenuta sabiex jiehdu hsieb il-parti varji ta’ trasport.

Illi tenut kont il-premess, is-socjeta’ attrici kellha d-dritt ta’ rivalza *ex contractu* kontra s-socjeta’ konvenuta u ghandha wkoll id-dritt ta’ rivalza kontra s-sub-appaltati ghall-operat rispettiv taghhom fuq bazi ta’ tort.

Da parti taghha jidher car li s-socjeta’ attrici qeghda tibbaza l-pretenzjoni taghha odjerna fuq il-kuntratt ta’ trasport miftiehem u milhuq bejnha u bejn is-socjeta’ konvenuta u ghalhekk tirrizulta relazzjoni guridika bejniethom. Minn dan il-kuntratt ta’ trasport twieled l-obbligu tas-socjeta’ konvenuta li tittrasporta l-merkanzija kif miftiehem u f’kaz li tonqos milli tadempixxi l-inkarigu lilha moghti ghandha taghmel tajjeb ghall-istess nuqqas.

Fil-Kodici Civili hemm dispost hekk:

**“1628.** Il-vetturali bl-art jew bil-bahar ghandhom, dwar il-kustodja u l-hars tal-hwejjeg fdati lilhom, l-istess obbligi tad-depozitarji ghal hwejjeg moghtija f'idejhom.

**1630.** Huma obbligati ghat-telf tal-haga fdata lilhom, u ghall-hsarat li jigru fiha, meta ma jippruvawx li l-haga ntilfet jew gratilha hsara b’accident jew b’forza magguri u minghajr htija taghhom.”

Fis-sentenza **"Farrugia Vs Attard noe"**, deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-28 t'April, 1998 intqal:

"Hu risaput li t-tort tat-terz li jkun imqabbad mid-debitur ta' l-obbligazzjoni huwa tort ta' l-istess debitur, ghax it-terz jezonera lid-debitur meta jkun indipendenti mill-obbligazzjoni u mhux imqabbad minn jew agent tad-debitur."

Illi ghalhekk jekk it-telf issucida meta l-merkanzija kienet qeghda fil-kustodja tan-nies inkarigati mis-socjeta' konvenuta dan ifisser li, fil-konfront tas-socjeta' attrici, trid twiegeb l-istess socjeta' konvenuta.

Mill-premess jirrizulta ppruvat illi l-merkanzija kollha (hlief ghal 1 *piston ring set*) gew ikkonsenjati minn Andy Powell Commercials lil Jonen Alpha cjoe' n-nies indirettament inkarigati mis-socjeta' konvenuta. Jirrizulta ppruvat illi parti mill-merkanzija ma gietx ikkonsenjata lis-socjeta' attrici u ghalhekk is-socjeta' konvenuta ghandha taghmel tajjeb ghal dan in-nuqqas, naturalment salv id-dritt ta' rivalza tas-socjeta' konvenuta kontra n-nies minnha nkarigati.

Ghar-rigward tal-quantum, jirrizulta illi l-affarijiet li ma gewx ikkonsenjati u li ghalihom ghandha taghmel tajjeb is-socjeta' konvenuta huma s-segwenti:

| | | £ GBP |
|---|---|---|
| 1. | 1 alternator | £550 |
| 2. | 2 gaskets crunkates (sic) | £34 |
| 3. | 8 spring bush | £528 |
| 4. | 1 gasket set bottom | £205.50 |
| 5. | 1 gasket set top | £158.46 |
| 6. | 2 brake drums | £400.00 |
| | B'total ta' | **£1,875.96** |

Li bir-rata tal-kambju ta' 1.5561 li kienet ir-rata tal-kambju wzata meta sar il-hlas mis-socjeta' attrici lil Andy Powell Commercials Limited (vide fol 27) dan jigi elf mitejn u hames liri Maltin u hamsa u hamsin centezmu

(Lm1,205.55c) li huwa l-ammont li s-socjeta' konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-eccezzjonijiet kollha mressqa mis-socjeta' konvenuta, jilqa' t-talba tas-socjeta' limitatament ghas-somma ta' elf mitejn u hames liri Maltin u hamsa u hamsin centezmu (Lm1,205.55c) u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici din is-somma flimkien ma' l-ispejjez tal-kawza u l-interessi li jibdew jiddekorru mill-15 ta' Lulju, 2005 (data tan-notifika ta' l-Avviz).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------